# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-25 ta' Jannar, 2002

**Numru 7**

**Avviz numru 951/01DM**

**Security Service Malta Limited**

**vs**

**Joseph Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn, mija tnejn u hamsin liri maltin u erbatax-il centezmi (Lm2152.14c) rapprezentanti beneficju socjali mhallas lill-konvenut wara incident fuq ix-xoghol fid-9 ta' Settembru 1998 liema somma kellha tigi restitwita lis-socjeta attrici skond il-ligi peress li s-socjeta attrici kienet hallsitu l-paga shiha;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali tal-24 ta' Mejju 2000 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici; u ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Gordon Mifsud prodott mill-kumpanija attrici;

Issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u qed tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn mija tnejn u hamsin liri maltin u erbatax-il centezmi (Lm2152.14c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Novembru tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 7**

**Avviz numru 951/01DM**

**Security Service Malta Limited**

**vs**

**Joseph Bonello**

**Gordon Mifsud prodott mill-kumpanija attrici bil-malti bil-gurament jghid:**

Jiena Managing Director tal-kumpanija attrici u niddikjara illi l-kumpanija attrici ghadha kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn mija tnejn u hamsin liri maltin u erbatax-il centezmi (Lm2152.14) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Nonostante interpellazzjonijiet il-konvenut qatt ma irrisponda.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Gordon Mifsud dettata fil-presenza tieghu stess.

Magistrat

Dr. Dennis Montebello LL.D.

Nididkjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard

Traskrittrici

va